# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Settembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 736/2023/1 AF**

**Nassau Maritime Holding DAC, soċjetà reġistrata ġewwa l-Irlanda, kif lokalment rappreżentata mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Il-bastiment M/V "DOMINIA" (IMO: 9376854)**

1. Rat ir-rikors tal-appell tal-Kaptan Antonio Cilidonio bħala mandatarju tal-bastiment M/V DOMINIA u s-sidien tal-bastiment Morfini SpA wara d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tat-8 ta' Awwissu 2023 li biha ċaħdet it-talba għal revoka tal-mandat tal-arrest tal-vapur fuq imsemmi (revoka 736/2023AF).

2. Rat ir-risposta tal-kredituri Nassau Maritime Holding li sostniet li l-appell għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tiġi konfermata.

3. Rat l-atti u semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Awwissu 2023.

4. Rat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li kkunsidrat kif ġej:

> "Ikkunsidrat illi l-procedura odjerna hija wahda a bazi tal-Art. 281 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha ir-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' arrest tal-bastiment M/V DOMINIA li nhareg fit-23 ta' Mejju 2023 u gie rez ezekuttiv fil-5 ta' Lulju 2023.
>
> L-imsemmi artikolu 281 jipprovdi testwalment illi:
>
> > *"Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jewf'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*
>
> Huwa ritenut ferm mill-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi procedura skond l-Art. 281 hija essenzjalment limitata ghal dak li jista' jirrizulta mill-att innifsu. Il-procedura ma tiftahx mill-gdid il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet (Ara Aquilina – Fountain 30 ta' Novembru 2012).
>
> Ir-rikorrenti f'isem il-bastiment kolpit bil-mandat u s-sidien mertu ta' din il-procedura qieghed isejjes it-talba tieghu fuq il-fatt illi s-socjetà sid il-bastiment (Morfini S.p.a.) kolpit bil-mandat fethet fil-Qorti ta' Bari, u dan f'Lulju 2021, proceduri ta' konkordat preventiv li fil-kuntest taghhom, dik il-Qorti ordnat moratorium ta' atti gudizzjarji fil-konfront tal-istess Morfini S.p.a. Gie prezentat lil dik il-Qorti pjan ta' ristrutturar fi Frar 2022. Ghandu jinghad illi fi Frar 2023 i-kredituri ma approvawx il-pjan u in fatti nbdew proceduri ta' falliment gudizzjarju. Wara talba minn Morfini S.p.a., il-Qorti ta' Bari regghet imponiet divjet ta' proceduri gudizzjarji mill-kredituri. Din it-talba qatt ma giet notifikata lill-kredituri.
>
> L-Art. 8 tar-Regolament Ewropew dwar l-insolvenza 2015/848 jipprovdi precizament ghal sitwazzjoni bhal dik odjerna u jeskludi mill-applikazzjoni diretta u awtomatika drittijiet *in rem*.

*"1. Il-ftuh ta' procedimenti ta' insolvenza ma ghandux jaffettwa d-drittijiet in rem ta' kredituri jew partijiet terzi rigward assi tangibbli jew mhux tangibbli, mobbli jew immobbli, kemm l-assi specifici kif ukoll il-kollezzjonijiet ta' assi indefiniti holistikament li jinbidlu minn zmien ghal zmien, li jappartjenu ghad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru iehor fil-waqt tal-ftuh tal-procedimenti.*

*2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ghandhom, b'mod partikolari, jfissru:*
*(a) Id-dritt li tiddisponi mill-assi jew li jigu disposti u biex tikseb sodisfazzjoni mir-rikavat jew mid-dhul minn dawk l-assi, partikolarment bis-sahha ta' preferenza jew ipoteka;*

*(b) Id-dritt eskluziv li tintlaqa' talba, partikolarment dritt garantit bi preferenza dwar talba jew b'cessjoni tat-talba bhala garanzija;*

*(c) Id-dritt li jintalbu assi minn, u/jew li jehtiegu restituzzjoni minn, xi hadd li jkollu l-pussess jew uzu taghhom kuntrarju tax-xewqat tal-parti hekk intitolata;*

*(d) Id-dritt in rem ghall-uzu li jaghti beneficcju tal-assi.*

*3. Id-dritt, irregistrat f'registru pubbliku u infurzabbli kontra partijiet terzi, li abbazi tieghu jista' jigi akkwistat dritt in rem fi hdan it-tifsira tal-paragrafu 1 ghandu jkun meqjus bhala dritt in rem.*

*4. Il-paragrafu 1 ma ghandux jipprekludi azzjonijiet ta' invalidità, invalidabilità u nuqqas ta' ezegwibilità kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 7(2)."*

Din il-Qorti tqis illi, fil-kaz in ezami, galadarba l-kreditu ta' NASSAU MARITIME HOLDING huwa kawtelat bl-iskrizzjoni ta' "First Priority Mortgage" dan jikkostitwixxi dritt *in rem* u b'hekk jigbed fuqu l-protezzjoni tal-Art. 8 tar-Regolament. L-istess posizzjoni hija infatti rispekkjata fl-Art. 25(5) tal-Att XXIV tal-2022 li jipprovdi ghal proceduri identici u li jipprovdi testwalment illi:
*"(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tiegħu, m'għandhomx japplikaw sa fejn dawn jistgħu jkunu inkonsistenti ma', jew sa fejn dawn jistgħu jiġu interpretati bħala li jillimitaw jew jirrestrinġu:*
*(a) kwalunkwe azzjoni in rem kontra vapur jew bastiment tal-baħar;*

*(b) kwalunkwe azzjoni in rem kontra inġenju tal-ajru jew magna tal-inġenju tal-ajru;*

*(ċ) kwalunkwe proċedimenti li jistgħu jiġu istitwiti mid-detentur ta' ipoteka reġistrata jew kreditur privileġġjat fuq bastiment jew bastiment tal-baħar, jew kwalunkwe azzjoni jew proċedimenti oħra li għalihom*

*bastiment jew bastiment tal-baħar jista' jkun soġġett skont l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;*

*(d) kwalunkwe proċedimenti li jistgħu jiġu istitwiti mid-detentur ta' ipoteka reġistrata jew kreditur privileġġjat fuq inġenju tal-ajru jew magna tal-inġenju tal-ajru, jew kwalunkwe azzjoni jew proċedimenti oħra li għalihom inġenju tal-ajru jew magna tal-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu soġġetti skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru;*

*(e) kwalunkwe mandat ta' arrest, sew in personam jew in rem, ta' bastiment tal-baħar;*

*(f) kwalunkwe mandat ta' arrest, sew in personam jew in rem, ta' inġenju tal-ajru jew magna tal-inġenju tal-ajru;Kap. 12.*

*(g) kwalunkwe mandat ta' qbid ta' azjenda kummerċjali skont l-artikolu 848A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ProċeduraĊivili;*

*(h) kwalunkwe azzjoni li titressaq fir-rigward ta' dritt imsemmi f'xi wieħed mill-mandati ta' qabel, skont l-artikolu 843 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u Kap. 484.*

*(i) kwalunkwe drittta' kreditu ta' securitisation kifdefinit fl-Att dwar is-Securitisation."*

Ir-rikorrenti odjern isostnu inoltre illi l-Ordni tal-Qorti ta' Bari moghtija fil-5 ta' Gunju 2023 wara talba ta' Morfini S.p.a. ghandu jkollha applikazzjoni u rikonoxximent f'Malta. F'dan il-kuntest din il-Qorti tqis li r-rikorrent m'ghandhux ragun. Minbarra s-sisien dubjuzi tal-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Bari f'kaz ta' bastiment arrestat fl-ibhra ta' Malta, din il-Qorti tinnota li t-talba qatt ma giet notifikata lil Nassau Maritime Holding u b'hekk ma ssibx konfort fl-applikazzjoni tar-Regolament 1215/2012 (Brussels Regulation Recast).

Il-Qorti finalment tinnota li x-xilja ta' qerq u forum shopping da parte tal-kreditrici Nassau ma giet pruvata b'ebda mod u b'hekk issibha superfluwa ghall-ahhar, kif issib ukoll bla ebda bazi l-allegazzjoni ta' intempestività meta d-dejn rikonoxxut ilu dovut snin shah.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-Kaptan Antonio Cilidonio bhala mandatarju tal-bastiment M/V DOMINIA u tas-sidien Morfini S.p.a."

5. Il-bastiment ressaq erba' aggravji kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li huma s-segwenti:

"(i) L.Ewwel Qorti erronjament cahdet ir-rikors tal-appellant meta l-istess Qorti kkonkudiet b'mod żbaljat illi t-talba ta' Morfini SpA li waslet

ghall-divjet li jittiehdu proċeduri gudizzjarji mill-kredituri, qatt ma giet notifikata lill-kredituri;

(ii) L-Ewwel Qorti rriferiet ghall.Att XXIV tal-2022 li jipprovdi ghall-proċeduri identiċi meta ai termini tal-Artikli 7 u 1 4 tar-Regolament (UE) 848/2015, il-ligi applikabbli hija dik Taljana stante li l-proċeduri . ta' strutturar ġew inizjati gewwa Bari kif ukoll li l-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq id-drittijiet ta' debitur f'vapur ghandu jigi determinat bil-ligi tal-lstat Membru li taht l-Awtorita' tieghu jinzamm dak ir-reġistru - ghaldaqstant l-Att XXIV tal-2022 huwa inapplikabbli;

(iii) L-Ewwel Qorti Ilimitat ruhha ghall-provvediment moghti mis-sede estera fil-ħamsa (5) ta' Gunju pero' naqset milli tikkunsidra l-*misure protettive* tat-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Mejju rispettivament apparti l-fatt li tqajjem dubju dwar il-Ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Bari f'kaz ta' bastiment arrestat fl-ibhra Maltin, meta r-Regolament (UE) innifsu jipprovdi u jippermetti ghal tali eventwalita;

(iv) L-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet illi prova tal-*forum shopping* mill-esponenti appellant ma saritx meta effettivament gie ppruvat illi l-proċeduri *de quo* jammontaw fil-fatt ghal *forum shopping* stante li jmorru kontra l-ghanijiet tal-imsemmi regolament (UE) kif ukoll kontra l-*misure protettive*; u wkoli l-Ewwel Qorti erronjament esprimiet ruhha fuq id-dejn ta' Morfini SpA meta l-proċeduri *de quo* ma jinċidux fuq il-mertu tal-kreditu imma kienu limitati biss ghall-proceduri gudizzjarji ntavolati mis-soċjeta' appellata li lkoll imorru kontra l-*misure protettive* moghtija mis-sede estera kif ukoll minhabba l-fatt li ma tressqet l-ebda prova in sostenn ta' dak li gie allegat mis-soċjeta' appellata;"

## L-ewwel aggravju

6. Jgħid ħażin l-appellant li l-Ewwel Qorti ċaħdet t-talba tal-vapur għax erronjament sostniet li s-soċjetà kreditriċi ma ġietx notifikata bid-digriet tal-Qorti ta' Bari tat-18 ta' Mejju 2023 fejn il-Qorti ta' Bari kkonċediet sittin jum iehor biex is-soċjetà debitriċi Morfini, sid il-bastiment tipproponi pjan konkret ta' ristrutturazzjoni. Fid-19 ta' Mejju 2023 l-istess Qorti ordnat divjet fil-konfront tal-kredituri li jieħdu kwalsiasi azzjoni kontra Morfini u l-assi tagħha għal perjodu ta' mija u għoxrin jum. Id-digriet inħareġ bla ma

saret notifika lill-kredituri biex jirrispondu għat-talba tad-debitur u għalkemm id-digriet tal-Qorti ta' Bari tad-19 ta' Mejju 2023 ġie pubblikat fir-reġistru tal-Qorti ta' Bari fit-23 ta' Mejju 2023, il-kreditur sar jaf bih permezz ta' ittra tal-avukati ta' Morfini fl-24 ta' Mejju 2023, l-għada li kien intalab il-ħruġ tal-mandat ta' arrest kawtelatorju kontra l-vapur li kien jinsab fit-territorju Malti. Però dan kollu u l-argumenti mressqa mill-appellant fuq dan il-punt huma sa ċertu punt irrelevanti għaliex l-oppożizzjoni tal-kreditur ma kinitx mibnija fuq in-nuqqas ta' notifika u anki d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mkien ma poġġiet tali konsiderazzjoni bħala r-raġuni ewlenija taċ-ċaħda tat-talba.

Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

**It-tieni aggravju**

7. Dan l-aggravju wkoll ma jagħtix stampa korretta ta' dak deċiż mill-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti kkomparat il-provvedimenti tal-Att XXIV tal-2022 biex turi li l-liġi Maltija tikkontjeni provvedimenti identici għal regolament Ewropew. Ma qalitx li hi applikabbli l-liġi Maltija iżda d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet imfassla b'mod sostanżjali fuq l-Artikolu 8 tar-Regolament Ewropew 2015/848.

8. L-appellant f'dan l-aggravju jinsisti li l-kreditur seta' oppona għal miżuri protettivi li nħarġu mill-Qorti ta' Bari u mhux jipproċedi b'mandat ta' arrest tal-vapur. Però din hi kwistjoni tal-interpretazzjoni li għadha tingħata lill-Artikolu 8 tar-regolament meqjus f'kuntest sħih tar-regolament u l-aggravju kif magħmul ma jolqotx dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. L-appellant jirreferi għal paragrafu 36 tal-preambolu tar-regolament li jgħid li l-Qorti kompetenti għal proċedimenti prinċipali ta' insolvenża għandha s-setgħa tordna miżuri protettivi li jkopru assi li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor. Dan hu kollu minnu iżda l-appellant jonqos milli jispjega t-tifsira mod ieħor tal-Artikolu 8 minn kif jinqara logikament.

Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

**It-tielet aggravju**

9. L-appellanti jgħidu illi l-Ewwel Qorti ma tatx biżżejjed importanza għal digrieti tal-Qorti ta' Bari tat-18 u 19 ta' Mejju 2023 u illi bi u mingħajr notifika, l-Artikolu 20 tar-regolament jgħid li sentenża li tiftaħ proċediment ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 3(1) għandha mingħajr formalitajiet tipproduċi l-istess effetti fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. Għalhekk il-proċeduri ta' ristrutturar quddiem il-Qorti ta' Bari għandhom jieħdu preċedenża fuq kull proċedura oħra anki dawk mibdija f'Malta mill-kreditur

għaliex hu fl-interesss tal-kredituri u d-debituri li jsegwu l-proċess ta' ristrutturar biex in-negożju jibqa' jopera. Hawn ukoll dak li jonqos jgħid l-appellant hu l-eċċezzjoni li jipprovdi l-Artikolu 8 abbinat mal-Artikolu 23 tar-regolament li jgħidu kif ġej b'mod safejn rilevanti għal vertenza:

> "Artikolu 8 - Drittijiet ta ' partijiet terzi in rem
>
> 1. Il-ftuh ta l procedimenti ta' insolvenza ma ghandux jaffettwa d-drittijiet in rem ta' kredituri jew partijiet terzi rigward assi tangibbli jew mhux tangibbli, mobbli jew immobbli, kemm l-assi specifici kif ukoll il-kollezzjonijiet la' assi indefiniti holistikament li jinbidlu min zmien ghal zmien, li jappartjenu ghad-debitur li jkunu jinstabu fi territorju ta' Stat Membru iehor fil-waqt tal-ftuh tal-procedimenti.
>
> 2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ghandhom, b' mod partikolari, jfissru:
> (a) id-dritt li tiddisponi mill-assi jew li jigu disposti u biex tikseb sodisfazzjon mir-rikavat jew mid-dhul minn dawk l-assi, partikolarment bis-sahha ta' preferenza jew ipoteka;
>
> Artikolu 23 - Radd lura u imputazzjoni
>
> 1. Kreditur li, wara l-ftuh tal-procedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1), jakkwista bi kwalunkwe mezz, b'mod partikolari permezz ta' infurzar, sodisfazzjonì totali jew parzjali tal-pretensjoni tiegħu fuq l-assi li jappartjenu lid-debitur li jkun jinsab.fit-territotju ta' Stat Membru iehor, ghandu jrodd lura lill-prattikant fl-insolvenza dak li jkun gie akkwistat, soggett ghall-Artikoli 8 u 10."

Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ir-raba' aggravju**

10. Dan l-aggravju mhux mistħoqq għax l-allegazzjoni tal-*forum shopping* ma ssib ebda sostenn fil-fatti billi l-kwistjoni hi dwar il-validità ta' mandat ta' arrest ta' vapur fl-ibħra Maltin li hu maħruġ minn kreditur bħala

kawtela naxxenti minn garanżija ta' ipoteka navali għal kreditu dovut lilu u jekk tali arrest setax validament isir meta hemm proċeduri f'ġurisdizzjoni oħra għal ristrutturar tal-kumpanija li l-vapur jikkostitwixxi parti tal-istess. Kollox idur madwar l-applikazzjoni u interpretazzjoni tal-provvedimenti fir-regolament 2015/848 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza u kif intqal fit-tielet aggravju, l-appellanti ma ressaq ebda argument dwar l-inapplikabilità tal-Artikolu 8 tar-regolament f'każ bħala dan quddiem din il-Qorti.

Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-kaptan Antonio Cilidonio bħala mandatarju tal-vapur K/V DOMINIA u s-sidien tiegħu Morfini SpA, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr